MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2012

Numru. 12/2008

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Michael Spiteri ta'  23 sena bin Raymond u Marisa nee' Cassar, imwieled Rabat (Ghawdex) nhar it-22/05/1987 residenti fil-fond St. Adeodata, Triq Marsilja, Sannat, Ghawdex, detentur tal-karta ta'l-identita' numru 21987(G)**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Michael Spiteri li gie akkuzat talli nhar l-1 ta' Ottubru 2007 u fis-snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:

a. Ikkaccja jew ipprova jikkaccja, jiehu jew ipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht dawn ir-regolamenti, jekk mhux skond dawn ir-regolamenti u skond il-kundizzjonijiet ta’ kull licenzja li tinghata tahtha u dana bi ksur tal-Artikolu 4(1)(a) tal-Avviz Legali 79 tal-2006;
b. Zamm lil xi ghasfur, kemm haj jew mejjet, jew parti minn xi ghasfur li l-kacca jew it-tehid tieghu huma projbiti taht dawn ir-regolamenti u dan bi ksur tal-Artikolu 4(1)(e) tal-Avviz Legali 79 tal-2006;
c. Ittrasferixxa jew b’xi mod iehor iddispona minn xi ghasfur imsemmi fis-sibregolament (1)(e) minghajr ma ghamel talba lid-Direttur u dana bi ksur tal-Artikolu 4(2) al-Avviz Legali 39 tal-2007;
d. Ikkaccja jew ipprova jikkaccja lil xi ghasfur minbarra dawk imsemmija fl-Iskeda II tal-Avviz Legali 79 tal-2006 u dana bi ksur tal-Artikolu 5(1) tal-Avviz Legali 79 tal-2006;
e. Ikkaccja jew ipprova jikkaccja, jiehu jew jipprova jiehu xi ghasfur billi uza apparat elettriku jew elettroniku, billi uza tisfir irrekordjat minn qabel ta’ ghasafar u dana bi ksur tal-Artikolu 7(1)(d) tal-Avviz Legali 79 tal-2006;
f. Zamm apparat elettriku jew elettroniku li l-uzu tieghu huwa ipprojbit taht is-subregolament 7(1)(d) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 u dana bi ksur tal-Artikolu 7(2) tal-Avviz Legali 79 tal-2006;
g. Waqt l-istagun miftuh ghall-kacca tal-ghasafar mhux minn fuq il-bahar ikkaccja jew ipprova jikkaccja xi ghasfur mhux inkluz fi Skeda II tal-Avviz Legali 79 tal-2006 u dana bi ksur tal-Artikolu 18(2)(b) tal-Avviz Legali 79 tal-2006;
h. Meta bhala balzmatur immonta jew ibbalzma lil xi ghasfur li ma hux inkluz fl-Iskeda III tal-Avviz Legali 79 tal-2006 u dana bi ksur tal-Artikolu 21(2) tal-Avviz Legali 79 tal-2006;
i. Kellu fil-pussess tieghu xi ghasafar ibbalzmati li l-ispeci taghhom mhux inkluza fl-Iskeda III tal-Avviz Legali 79 tal-2006 u li ma kinux gew registrati mas-Sezzjoni fiz-zmien stipulat fis-sebregolament (6) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 u dana bi ksur tal-Artikolu 21(5) tal-Avviz Legali 79 tal-2006;
j. Gera wara, ha jew ipprova jiehu, qabad, qatel jew ipprova joqtol, deliberament, iddistrugga, ipposjeda, ttrasporta, b’kull mod biegh, xtara, partat, offra ghall-bejgh jew tpartit, importa jew esporta xi ezemplari ta’ speci

elenkati fi Skeda V (a) tar-regolamenti tal-2006 dwar il-protezzjoni tal-flora, fawna u ambjenti naturali (A.L.311 tal-2006) minghajr permess mahrug minn qabel mill-Awtorita' Kompetenti jew mid-Direttur (regolament 25(1)(a) tal-A.L. 311 tal-2006);

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat illi l-akkuzi kollha dedotti kontra l-imputat jaqghu taht il-kompetenza ta' din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif previst fl-Artikolu 370 u 403 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi l-Prosekuzzjoni sabiex issahhah l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat qieghda tistrieh principalment fuq l-istqarrija rilaxxjata minnu u xi ritratti li gew misjuba fuq il-*mobile phone* tal-istess imputat esebiti in atti a fols. 21 u 22. Jidher illi l-investigazzjoni in konnessjoni ma' dana l-kaz bdiet in segwitu ghal rapport anonimu li sar lill-pulizija fl-1 ta' Ottubru 2007. Il-pulizija accedew fuq il-post indikat f'dana r-rapport u hemmhekk semghu xi tiri ta' arma ta' nar u sabu zewg ghasafar (baghdan) feruti u mejta f'ghalqa. Fil-vicinanzi huma sabu wkoll vettura tal-ghamla Hyundai Excel bin-numru ta' registrazzjoni GBE 854 li kellha l-bieba tal-passiggier miftuha jew imbexqa u gewwa dina l-vettura gew misjuba *two-way radio*, *bird caller*, gakketta *camouflage* u zewg *wallets* li fost affarijiet ohra go fihom kien hemm zewg karti tal-identita' wahda tal-imputat u l-ohra ta' certu Paul Spiteri. Sussegwentement saret tfittxija fir-residenza kemm tal-imputat kif ukoll ta' Paul Spiteri. Mir-residenza tal-imputat gie elevat xi tajr protett ibbalzmat kif ukoll il-*mobile phone* tal-imputat. L-imputat gie arrestat u interrogat.

Illi l-Qorti qabel xejn tixtieq taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:

1. Illi l-*mobile phone* elevat mill-imputat u li fuqu nstabu xi ritratti li jistghu jkunu inkriminanti qatt ma gie esebiet in atti.
2. Illi konsegwentement qatt ma gie nominat espert sabiex ihejji rapport dwar il-kontenut tal-istess u sabiex anke jnizzel filmat ta’ xi *video* li l-prosekuzzjoni tikkontendi li hemm f’dana l-*mobile phone* fejn jidher l-imputat qed joqtol xi hamiem.
3. Illi ma tressaq l-ebda xhud mill-Awtorita ta’ Trasport sabiex jikkonferma fuq min kienet irregistrata l-vettura tal-ghamla Hyundai Excel bin-numru GBE 854 ghalkemm l-Ufficjal Prosekutur jikkontendi illi dina hija registrata fuq l-imputat.
4. Illi qatt ma gie prodott bhala xhud Paul Spiteri li allegatament kien mal-imputat fil-jum indikat fl-akkuza.
5. Illi fuq il-post qatt ma gew intercettati la l-imputat u lanqas dana Spiteri.
6. Ma gewx esebiti t-tajr ibbalzmati li fuqhom huma msejsa whud mill-akkuzi, x’aktarx ghaliex dawn kienu jappartjenu lill-missier l-imputat li diga gie kkundannat fuq il-pussess tal-istess skond ma jiddikjara l-Ufficjal Prosekutur.

Illi dawn il-provi essenzjali huma ghal kollox neqsin mill-atti u l-uniku prova li setghet torbot lill-imputat mal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu huwa dak illi huwa jistqarr kemm mal-pulizija kif ukoll ma’ Stanley Gatt, rapprezentant tal-MEPA li kellem lill-imputat *a tempo vergine*. Illi d-difiza fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza qajmet il-punt kostituzzjonali dwar l-ammissibilita’ tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat meta dana ma kienx moghti d-dritt li jikkonsulta ruhu ma’ avukat qabel ma ghamel dawn id-dikjarazzjonijiet fejn huwa seta’ inkrimina ruhu. Illi fil-fatt id-difiza talbet li ssir referenza kostituzzjonali fuq dana l-punt liema talba giet michuda billi diga kien hemm dikjarazzjoni dwar dana l-punt mill-Qorti Kostituzzjonali u fid-digriet taghha tal-15 ta’ Settembru 2011 dina l-Qorti stqarret illi kienet ser issegwi l-insenjament moghti kemm mill-Qorti Kostituzzjonali kif ukoll mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Illi fir-rigward ta' dina l-linja difenzjonali, id-difiza tikkontendi allura, illi l-Qorti ghanda tiskarta bhala prova l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat u dana billi l-istess stqarrija ttiehdet bi vjolazzjoni ta' drittijiet fondamentali tal-imputata ghal smigh xieraq u dana kif sanciti kemm fil-Kostituzzjoni taghna kif ukoll fl-artikolu 6(1) abbinat mal-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Kwindi ghalkemm l-istess stqarrija ittiehdet skond il-ligi vigenti f'dak iz-zmien, izda dina giet rilaxxjata minghajr ma l-imputat inghata dritt li jiehu parir legali qabel ma ghamel dan.

Illi fil-kamp penali dejjem gie ritenut li l-konfessjoni – popolarment maghrufa bhala l-istqarrija tal-imputat jew l-akkuzat – hija l-prova regina li tista' tressaq il-prosekuzzjoni biex tipprova l-htija tal-persuna akkuzata, dment li din tkun saret volontarjament u ma gietx imgieghla, jew mehuda b'theddid, jew b'biza', jew b'weghdiet jew twebbil ta' vantaggi (artikolu 658 tal-Kodici Kriminali). Illi madanakollu dina l-istqarrija ttiehdet minghajr ma l-imputat inghata l-opportunita li jikkonsulta ruhu ma' avukat jew jiehu parir legali. Dana ghaliex il-ligi li tippermetti lill-persuna suspettata u li tkun qed tigi interrogata li jkollha access ghal parir legali kienet ghadha ma gietx fis-sehh. Kien biss permezz tal-Avviz Legali 35 tal-2010 illi d-disposizzjonijiet tal-artikoli 355AT u 355AU tal-Kapitolu 9 gew fis-sehh u dana mid-data tal-10 ta' Frar 2010.

Illi dina l-linja difenzjonali tqajmet in segwitu ghad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawzi fl-ismijiet il-Pulizija vs Alvin Privitera, Il-Pulizija vs Mark Lombardi u l-Pulizija vs Esron Pullicino[1].

Illi minn qari akkurat ta' dawn id-decizjonijiet jirrizulta inkonfutabbilment illi d-dritt ghal smiegh xieraq kif sancit fl-artikolu 6(1) u 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropeja ghandu japplika wkoll ghal *pre-trial stage* u cioe' ghall-istadju meta persuna tkun giet arrestata u ser tigi interrogata. Kwindi l-

[1] Sentenzi decizi fil-11/04/2011 u 12/04/2011 rispettivament.

artikolu 6(3)(c) li jipprovdi dwar l-assistenza legali ghandu jsib applikazzjoni anke fl-istadju tal-interrogazzjoni tal-persuna suspettata. Dana ghaliex huwa principju stabbilit fis-sistema penali taghna illi persuna ghandha titqies li hija innocenti sakemm ma tigix misjuba hatja minn qorti gudizzjarja. Kwindi hija ghandha dritt illi ma tinkriminax ruhha bl-ebda mod u dana sa mill-istadju inizjali tal-interrogazzjoni. Sabiex dana d-dritt jigi salvagwardjat ghalhekk kull persuna ghandha d-dritt li tikseb l-assistenza legali u dana sabiex tkun fl-ahjar pozizzjoni illi thejji d-difiza taghha. Dana huwa vitali iktar u iktar fid-dawl tal-principju hawn fuq indikat illi fis-sistema penali taghna l-konfessjoni tal-persuna akkuzata hija prova ewlenija fil-process gudizzjarju istitwit kontra taghha.

Kwindi dak mistqarr mill-akkuzat fl-istqarrija tieghu minghajr ma huwa kellu l-opportunita' li jikkonsulta ruhu ma' avukat u ghalhekk ihejji d-difiza tieghu billi ma jinkriminax ruhu fi stadju fejn huwa prezunt li ghadu innocenti tikkostitwixxi konfessjoni li hija leziva tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq u kwindi ghandha tigi skartata.

Illi kif gie deciz fis-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali "Il-Pulizija vs Alvin Privitera":

*"Ir-regola hi li l-Artikolu 6(1) jitlob li jkun hemm dritt ta' avukat fl-istadju tal-investigazzjoni tal-pulizija, sakemm ma jigix pruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Id-dritt ghall-avukat hi r-regola, ir-restrizzjonijiet huma l-eccezzjoni. ...*

*Dan id-dritt tal-akkuzat ikun irrimeddjabbilment pregudikat meta huwa jirrilaxxja stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni maghmula meta ma jkunx assistit minn avukat* *<u>u dawn l-istqarrijiet jintuzaw kontra tieghu</u>.* (sottolinjar tal-Qorti).

*Illi f'dan il-kaz l-unika prova li hemm kontra l-appellant hija l-istqarrija li hu irrilaxxja meta ma kienx assistit minn avukat u se tintuza ghall-conviction tieghu."*

Il-Qorti kompliet:

*“Ir-raguni tal-insistenza tal-Qorti Ewropeja dwar dan id-dritt ghall-assistenza legali fl-istadju inizjali tal-investigazzjoni hija minhabba l-principju li hadd m’ghandu jinkrimina ruhu kif ukoll biex jinzamm bilanc bejn id-drittijiet tal-akkuzat u dawk tal-prosekuzzjoni. L-argument li altrimenti jkun difficli li l-pulizija tottjeni conviction mhux fattur li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni fit-thaddim ta’ dan il-bilanc.”*

Kwindi fid-dawl ta’ dak hawn fuq sottomess dina l-Qorti ma ghandhiex triq ohra hlief tiskarta dina l-prova billi jekk tasal sabiex tikkundanna lill-imputat abbazi ta’ dina l-istqarrija tkun qed tivvjola dak sancit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u taghti dikjarazzjoni ta’ htija illi hija anti-kostituzzjonali.

Illi ghalhekk skartata l-istqarrija tal-imputat bhala provi fl-atti, ma jifdalx wisq provi fuq xhiex dina l-Qorti tista ssejjes xi dikjarazzjoni ta’ htija. Illi l-uniku prova li tista’ titfa’ htija fuq l-imputat huwa l-kontenut tal-*mobile phone* tieghu, izda kif diga gie sottolinjat iktar ’il fuq dana l-*mobile phone* qatt ma gie esebit in atti u xi affarijiet li kienu jinsabu fih bhala xi *footage* fejn jidher l-imputat qed joqtol xi tajr, dina l-Qorti qatt ma kellha l-opportunita tarah. Huma biss ir-ritratti esebiti minn Stanley Gatt fejn huwa jiddikjara li dawn gew mehuda minn dana l-*mobile phone* li jaghtu xi hjiel lill-Qorti dwar il-kontenut ta’ dana t-telefon cellulari. Dawn ir-ritratti jidhru li huma fotokopji u ghandhom data tahthom miktuba bl-idejn li skond l-istess Stanley Gatt huma d-dati meta gew mehuda dawn ir-ritratti. Illi bir-rispett kollu lejn l-abbli prosekuzzjoni dina m’hijiex l-ahjar prova li ghandha tingieb fil-kamp penali fejn l-oneru tal-prova inkombenti fuq l-istess prosekuzzjoni hija wahda kbira. L-istess dokument ghalhekk ma jista’ qatt iwassal ghal sejbien tal-htija fil-konfront tal-imputat.

Illi mill-bqija x-xhieda tal-ufficjali tal-pulizija li marru fuq il-post fejn allegatament l-imputat u siehbu kienu qeghdin jikkaccjaw ma jistabbilixxu l-ebda ness bejn xi kacca li setghet saret mill-imputat f’dawk l-akwati u l-istess

imputat. Dana qed jinghad ghaliex ghalkemm instabet il-vettura allegatament tal-imputat b'xi affarijiet tieghu fiha inkluza l-karta tal-identita tieghu madanakollu ma fissirx illi ma setax kien hemm xi nies ohra dakinhar fl-akwati li kienu qeghdin ghall-kacca wkoll. Inoltre ghalkemm instabu xi affarijiet fil-vettura li l-uzu tahhom fil-kacca huwa ipprojbiti, bhal *bird caller*, madanakollu jidher illi fil-vettura tal-imputat kien hemm persuna ohra u cioe' Paul Spiteri u dawn l-oggetti setghu kienu jappartjenu lilu u mhux lill-imputat. Billi Paul Spiteri qatt ma ngieb bhala xhud fil-kawza, kwindi l-prosekuzzjoni naqqset milli tipprova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi dawn l-istess oggetti kienu jappatjenu lill-imputat.

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dawn ir-risultanzi processwali l-Qorti ma tistax hlief tillibera lill-imputat mill-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu fuq nuqqas ta' provi.

Il-Qorti tordna li kopja tal-atti u s-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Gerenali a tenur tal-artikolu 403(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------